



► <b><u>M20</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 46/2014 tal-20 ta' Jannar 2014	L 16	3	21.1.2014
► <b><u>M21</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 740/2014 tat-8 ta' Lulju 2014	L 200	1	9.7.2014
► <b><u>M22</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1159/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014	L 311	2	31.10.2014
► <b><u>M23</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1133 tat-13 ta' Lulju 2015	L 185	1	14.7.2015
► <b><u>M24</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1326 tal-31 ta' Lulju 2015	L 206	16	1.8.2015
► <b><u>M25</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1948 tad-29 ta' Ottubru 2015	L 284	62	30.10.2015
► <b><u>M26</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1949 tad-29 ta' Ottubru 2015	L 284	71	30.10.2015

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 84M, 31.3.2009, p. 460 (1587/2006)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 299, 17.10.2014, p. 32 (46/2014)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 328, 13.11.2014, p. 60 (740/2014)
- **C4** Emendi, Ġ.U. L 367, 23.12.2014, p. 126 (1159/2014)
- **C5** Emendi, Ġ.U. L 176, 7.7.2015, p. 40 (740/2014)

▼B▼M7

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 765/2006

tat-18 ta' Mejju 2006

dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

▼B

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2006/362/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus<sup>(1)</sup>.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Marzu 2006, il-Kunsill Ewropew ikkundanna in-nuqqas ta' l-awtoritajiet tal-Belarus li jilhqg l-impenji ta' l-OSCE għal elezzjonijiet demokratiċi, ikkunsidra li l-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Marzu 2006 kienu fundamentalment viżjati u kkundanna l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tal-Belarus ta' dak iż-żmien fl-arrest ta' dimostranti paċifiċi li kienu qed jeżerċitaw id-dritt leġittimu tagħhom ta' għaqda libera biex jipprotestaw dwar it-tmexxija ta' l-elezzjonijiet Presidenzjali. Il-Kunsill Ewropew għalhekk iddeċieda li għandhom jiġu applikati miżuri restrittivi kontra dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' l-*istandards* elettorali internazzjonali.
- (2) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill iddeċieda li jadotta miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko, it-tmexxija tal-Belarus u l-uffiċjali responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' l-*istandards* elettorali internazzjonali u l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll għat-*tkissir tas-soċjetà ċivili* u ta' l-*oppożizzjoni demokratika*. Dawn l-individwi għandhom ikunu soġġetti għal *ċaħda tal-viża* u għal miżuri mmirati possibbli ulterjuri.
- (3) Il-Pożizzjoni Komuni 2006/362/PESK tipprevedi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Belarus li ġew identifikati għal dan l-għan għandhom jiġu ffriżati.
- (4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod speċjali bil-*ħsieb* li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, tinħtieġ leġiżlazzjoni Komunitarja sabiex dawn jiġu implementati sa fejn hija konċernata l-Komunità. Għall-*finijiet* ta' dan ir-Regolament, it-territorju tal-Komunità għandu jitqies li jħaddan it-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

<sup>(1)</sup> Ara paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

**▼B**

- (5) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ir-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispozzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-pieni previsti għandhom ikunu proporzjonati, effettivi u diss-ważivi.
- (6) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatement,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1) “fondi” tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu iżda mhux limitati għal:
  - (a) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts*, *money-orders* u strumenti oħra ta' hłas;
  - (b) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;
  - (c) titoli negozjati kemm pubblikament kif ukoll privatament u dokumenti dwar dejn, inklużi *stocks* u ishma, ċertifikati li jirrap-preżentaw titoli, *bonds*, *notes*, *warrants*, obbligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;
  - (d) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;
  - (e) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji fuq xogħol b'kuntratt jew impenji finanzjarji oħra;
  - (f) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;
  - (g) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- 2) “iffriżar ta' fondi” tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' portafoll.
- 3) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jservu għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi.
- 4) “iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi” tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux biss, il-bejgħ, il-kiri jew l-użu bħala garanzija tagħhom.

**▼M7**

- 5) “territorju tal-Komunità” tfisser it-territorji tal-Istati Membri, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom, li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

▼ M7

- 6) “għajnuna teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma’ tiswijiet, żvilupp, manifattura, immuntar, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista’ jkun f’forma ta’ istruzzjoni, parir, taħriġ, trażmissjoni ta’ konoxxenza operattiva jew ta’ ħiliet jew servizzi ta’ konsulenza; inklużi forom verbali ta’ għajnuna.

*Artikolu 1a*

## 1. Huma pprojbiti:

- (a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b’mod dirett jew indirett, ta’ tagħmir li jista’ jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kemm jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;
- (b) il-parteciġazzjoni, b’mod konxju u intenzjonat, f’attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom tkun l-evażjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).

2. Il-paragrafu 1 m’għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-Nazzjonijiet Magħquda (NU), minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media jew ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati esklussivament għall-użu personali tagħhom.

3. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ tagħmir li jista’ jintuża għal repressjoni interna, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu adegwati, jekk huma jiddeterminaw li tali tagħmir huwa maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv.

*Artikolu 1b*

## 1. Huma pprojbiti:

- (a) l-ġhoti, b’mod dirett jew indirett, ta’ għajnuna teknika relatata mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> (“Lista Militari Komuni”), jew relatata mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ oġġetti inklużi f’dik il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;
- (b) l-ġhoti, b’mod dirett jew indirett, ta’ għajnuna teknika jew ta’ servizzi ta’ senserija relatati ma’ tagħmir li jista’ jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;
- (ċ) l-ġhoti, b’mod dirett jew indirett, ta’ finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness III, inklużi b’mod partikolari għotjiet, self u assigurarazzjoni fuq kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta’ dawn l-oġġetti, jew għal kwalunkwe ġhoti ta’ għajnuna teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Bjelorussja jew għall-użu fil-Bjelorussja;

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 18.3.2010, p. 19.

▼ **M7**

(d) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom tkun l-evażjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih m'għandhomx japplikaw għal:

(a) tagħmir militari mhux letali, jew tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv jew għall-programmi tan-NU u tal-Unjoni ta' żvilupp ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-UE u tan-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet; jew

(b) vetturi mhux tal-kumbattiment mġammra b'materjal li jipprovdi protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-Bjelorussja;

sakemm l-għoti tagħhom ikun ġie approvat minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kif identifikata fil-websites elenkati fl-Anness II.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket kontra l-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Bjelorussja minn persunal tan-Nazzjonijiet Magħquda (NU), minn persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, minn rappreżentanti tal-media jew ħaddiema umanitarji u dawk li jaħdmu fl-iżvilupp u persuni assoċjati esklussivament għall-użu personali tagħhom.

▼ **M15***Artikolu 2*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness I, jew li huma l-proprjetà tagħhom jew miżmuma jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jitpoġġew direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni, tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness I jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, b'mod konxju u intenzjonat, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun, b'mod dirett jew b'mod indirett, li jiġu evitati l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-Anness I għandu jikkonsisti f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja<sup>(1)</sup>, ġew identifikati mill-Kunsill bħala responsabbli ta' ksur serju kontra d-drittijiet tal-bniedem, jew tar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew inkella li l-attivitajiet tagħhom joħlqu theddida serja għad-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Bjelorussja, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entitajiet u korpi assoċjati magħhom, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

5. L-Anness I għandu jikkonsisti wkoll f'lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka jew jappoġġawh, kif ukoll persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

<sup>(1)</sup> OJ L 285, 17.10.2012, p. 1.

▼ **M25**

6. L-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi sospiża sa fejn dawn jikkonċernaw lil persuni u entitajiet elenkati fl-Anness IV.

▼ **M3***Artikolu 2a*

Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) m'għandha tagħti lok għall-ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru din il-projbizzjoni.

▼ **M4***Artikolu 2b*

1. ► **M15** L-Anness I ◀ għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-inklużjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati.

2. ► **M15** L-Anness I ◀ għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, din l-informazzjoni tista' tinkludi ismijiet fosthom psewdonomi, data u post tat-twelid, ċittadinanza, numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, sess, indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi, din l-informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, post u data ta' reġistrazzjoni, numru tar-reġistrazzjoni u post tan-negozju.

*Artikolu 3*

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li jidhrilhom adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati ► **M15** fl-Anness I ◀ u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-forniment ta' servizzi legali; jew
- (c) intiżi esklużivament għall-ħlas ta' miżati jew kontijiet għal servizzi fil-pussess jew iż-żamma normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati.

2. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti web elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, wara li jkun ġie kkonstatat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom huwa jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

**▼ M4**

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 jew 2.

**▼ B***Artikolu 4*

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obligazzjonijiet li kienu konklużi jew kreati qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

sakemm kwalunkwe tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu soġġetti għall-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-UE milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati, jekk jirċievu fondi trasferiti minn terzi persuni fil-kont tal-persuna, l-entità jew il-korp elenkati, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda bħal din lil tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali operazzjonijiet.

**▼ M8***Artikolu 4a*

B'deroga mill-Artikolu 2(1), fejn ħlas minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat ► **M15** fl-Anness I ◀ ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li okkorra għall-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat, qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp ġiet indikata fil-lista, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk:

- (i) l-awtorità kompetenti kkonċernata iddeterminat li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament ta' jew għall-benefiċċju tal-persuna entità jew korp elenkat ► **M15** fl-Anness I ◀; u
- (ii) l-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anaqs ġimagħtejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

**▼ M14***Artikolu 4b*

B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikat fuq is-siti elettroniċi elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, skont dawk il-kundizzjonijiet li jikkunsidraw xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiki jew postijiet konsulari jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.



▼ **M3***Artikolu 5*

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli rigward ir-rappurtaġġ, il-konfidenzjalità u s-segretezza professjonali, persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:
  - (a) jipprovdu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II, fil-pajjiż fejn huma residenti jew ibbażati, b'kull informazzjoni li tiffaċilita l-osservanza ta' dan ir-Regolament, bħal kontinġent u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni, direttament jew indirettament, lill-Kummissjoni; kif ukoll
  - (b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.
2. Kull informazzjoni mogħtija jew milqugħa skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun inġatata jew intlaqgħat.

▼ **B***Artikolu 6*

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li wieħed jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, magħmula fi *bona fide* u bil-konvinzjoni li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħlqu responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew entità jew korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jgix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati bħala riżultat ta' negliġenza.

*Artikolu 7*

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe tagħrif rilevanti ieħor li jkollhom li jkollu x'jaqsam ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari tagħrif dwar problemi ta' ksar u infurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

▼ **M4***Artikolu 8*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

*Artikolu 8a*

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), hu għandu jemenda ► **M15** l-Anness I ◀ kif meħtieġ.
2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

**▼ M4**

3. Fejn jiġu mressqa osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jgħarraf lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp kif meħtieġ.
4. Il-listi ► **M15** fl-Anness I ◀ għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u mill-inqas kull 12-il xahar.

**▼ M25***Artikolu 8b*

Il-Kunsill għandu jemenda l-Anness IV abbażi ta' deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

**▼ B***Artikolu 9*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implementati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti.

**▼ M3***Artikolu 9a*

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, 4(2) u 5 u jidentifikawhom fil-websajts elenkati fl-Anness II.
2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom sal-31 ta' Lulju 2008 u għandhom jgħarrfuha bi kwalunkwe emenda sussegwenti mingħajr dewmien.

**▼ M4***Artikolu 9b*

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

**▼ B***Artikolu 10*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- fit-territorju tal-Komunità, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħha;
- abbord kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,
- għal kwalunkwe persuna fiżika li tinsab ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li tkun ċittadin ta' Stat Membru,
- għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru,
- għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, ġewwa l-Komunità.

**▼B**

*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ M19

## ANNEX I

## Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2(1)

## A. Persuni

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
▼ <u>M24</u> —					
▼ <u>M22</u> —					
▼ <u>M26</u>	4. Alinikau Siarhei Aliak- sandravich (Alinikau Siarhey Alyak- sandravich) Aleinikov Sergei Aleksandrovich	АЛИНИКАЎ, Сяргей Аляксандравіч	АЛЕЙНИКОВ, Сергей Александрович	Indirizz: Исправительное учреждение “Испра- вительная колония № 17” управления Департамента испол- нения наказаний МВД Республики Беларусь по Могил- евской области, г. Шклов, Могилевская область	Maġġur, kap tal-unità operattiva tal-kolonja penali IK-17 fi Shklov. Tefa' pressjoni fuq prigi- nieri politiċi billi saħħadhom mid-dritt tagħhom ta' korrispon- denza u laqgħat, ħareġ ordnijiet biex jiġu soġġetti għal reġim kriminali aktar strett, tiftix u heddihom sabiex jikseb konfessjoni- jiet. Huwa kien diretta- ment responsabbli għall- ksur tad-drittijiet tal- bniedem ta' prigionieri politiċi u attivisti tal-oppo- żizzjoni fl-2011-2012 bl- użu ta' forza eċċessiva kontrihom. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostit- wixxu ksur dirett tal- impenji internazzjonali tal-Bjelorusija fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
▼ <u>M24</u> —					
▼ <u>M26</u>	7. Ananich, Liliia Stanislavauna  (Ananich, Lilia Stanislavauna; Ananich, Liliya Stanislavauna)  Ananich, Liliia Stanislavovna  (Ananich, Lilia Stanislavovna; Ananich, Liliya Stanislavovna)	АНАНИЧ, Лілія Станіславаўна	АНАНИЧ, Лилия Станиславовна	Data tat-twelid: 1960  Post tat-twelid: Leonovo, district of Borisov, region of Minsk  ID: 4020160A013PB7 Indirizz: 220004, г. Минск, пр. Победителей, 11 Министерство инфор- мации Belarus	Ministru tal-Infommazzjoni mit-30.6.2014 'il hawn, kienet l-Ewwel Viċi Ministru tal-Infommazzjoni. Sa mill-2003 kellha rwol prinċipali fil-promozzjoni tal-propaganda tal-istat, li tipprovoka, tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokra- tika u s-soċjetà ċivili, u

▼ **M26**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
					billi trażżan il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni. L-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jitpinġew sistematikament b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.

▼ **M21**▼ **M19**

9.	Arlau Aliaksey (Arlau Aliaksei)  Arlau Aliak- sandr Uladzi- miravich  Orlov Aleksei (Orlov Alexey) Orlov Alek- sandr Vladimi- rovich  (Orlov Alexandr Vladimirovich)	АРЛАЎ, Алексей  Арлаў Аляксандр Уладзіміравіч	ОРЛОВ, Алексей  Орлов Александр Владимирович	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Kurunell, kap taċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk. Huwa kien personalment responsabbli għal trattament responsabbli għal krudili, inuman u degradanti ta' dawk li kienu miżmuma matul il-ġimgħat u x-xhur ta' wara t-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
----	----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	--------------------------------------------------------	-------------------------------------------------------	---------------------------------------------------------------------	---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

▼ **M26**

10.	Atabekau, Khażalbek Bakhtibekavich Atabekov, Khażalbek Bakhtibekovich	АТАБЕКАЎ, Хазалбек Бактібекавіч	АТАБЕКОВ, Хазалбек Бахтибекович (АТАБЕКОВ, Кхазалбек Бахтибекович)	Indirizz: Главное Управление Командующего Внутренними Войс- ками 220028 г. Минск, ул.Маяковского, 97	Kurunell, Viċi Kap tad-Dipartiment tat-taħriġ fil-għied tat-truppi tal-Ministeru tal-Intern, eks kmandant ta' brigata speċjali ta' Truppi Interni fis-subborg ta' Uruchie, f'Minsk. Huwa kkmanda l-unità tiegħu matul it-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010 fejn sar użu eċċessiv ta' qawwa. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
11.	Badak Ala Mikalaeuna  Bodak Alla Nikolaevna	БАДАК, Ала Мікалаеўна	БОДАК, Алла Николаевна	Data tat-twelid: 30.8.1967  Numru tal-passaport: SP0013023  Indirizz: 220004, г.Минск, ул. Коллекторная, 10 Министерство юстиции	Viċi Ministru tal-Ġustizzja, inkarigata mis-superviżjoni u l-kontroll tal-Avukatura, li qabel kienet inkarigata mill-appoġġ legali għall-istituzzjonijiet li jabbozzaw atti leġislattivi u regulatorji.

▼ M26

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
				(10 Kollektornaya str.) Belarus	Hija kienet responsabbli għar-rwol u l-azzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-ġudikatura tal-Bjelorussja, li huma strumenti ewlenin tar-repressjoni tal-popolazzjoni, billi elaborat liġijiet li huma repressivi fir-rigward tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
12.	Bakhmatau, Ihar Andree- vich Bakhmatov, Igor Andreevich	БАХМАТАЎ, Irap Андрэевіч	БАХМАТОВ, Игорь Андреевич		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-persunal u l-organizzazzjoni tad-dmirijiet tagħhom, kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Ġie riassenjat mal-forzi tar-riżerva f'Mejju 2012.

▼ M24

--	--	--	--	--	--

▼ M19

14.	Bandarenka Siarhei Uladzi- miravich Bondarenko Sergei Vladimirovich	БАНДАРЭНКА, Сяргей Уладзіміравіч	БОНДАРЕНКО, Сергей Владимирович	Data tat-twelid possibbli: 1978  Indirizz: Суд Перво- майского района г. Минска 220012, г. Минск, ул. Толбухина, 9	Imhalef tal-Qorti Distrett- wali Pervomaiski ta' Minsk. Fl-24 ta' Novembru 2011 huwa kkundanna lil Ales Byalyatski, wieħed mill- aktar difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru Bjelorussu tar-Riżorsi Umani 'Vyasna', Viċi President tal-FIDH. Il-proċess tmexxa b'mod li kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċe- dura Kriminali.
-----	------------------------------------------------------------------------------------	----------------------------------------	---------------------------------------	-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
					Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' għaj-nuna lil dawk li sofrew minn repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.

▼ M24

--	--	--	--	--	--

▼ M26

16.	Barouski Aliaksandr Genadzevich Borovski Alek- sandr Gennadievich	БАРОЎСКИ, Аляк- сандр Генадзеви́ч	БОРОВСКИЙ, Александр Геннадиевич	Indirizz: Прокуратура Октябрьского района 220039 г.Минск, ул.Авакяна, 32	Viċi Prosekutur tad-Distrett ta' Oktiabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Huwa ttratta l-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich u Vladimir Homichenko. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politi-ka ċara u imminente u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.
17.	Barsukou, Aliaksandr Piatrovich Barsukov, Aleksandr Petrovich	БАРСУКОЎ, Аляксандр Пятровіч	БАРСУКОВ, Александр Петрович	Data tat-twelid: 29.4.1965 Indirizz: Беларусь, 220007 г. Минск, переулок Добромысленский, 5 ГУВД Минского Горисполкома	Ġeneral, Kap tal-pulizija ta' Minsk. Sa mill-ħatra tiegħu bħala Kap tal-pulizija ta' Minsk fil-21 ta' Ottubru 2011, kien respon-sabbli, bħala kmandant, għar-repressjoni ta' madwar tużżana dimos-tranti paċifiċi f'Minsk, li aktar tard ġew ikkundan-nati għal ksur ta' liġi f'av-venimenti tal-massa. Għal diversi snin huwa kkmanda l-azzjoni tal-pulizija kontra d-dimostrazzjo-nijiet fit-toroq tal-oppożizzjoni.

▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
18.	Barysionak, Anatol Uladzimiravich (Barysionak, Anatol Uladzimiravich) Borisenok, Anatoli Vladimirovich (Borisenok, Anatoli Vladimirovich; Borisionok, Anatoli Vladimirovich; Bori-syonok, Anatoliy Vladimirovich)	БАРЫСЁНАК, Анатоль Уладзіміравіч	БОРИСЕНОК, Анатолий Владимирович	Indirizz: Суд Партизанского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	Imhalef fil-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk. Fl-2010-2011 huwa mmulta jew ikkundanna lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li ġejjin għad-dimostrazzjonijiet paċifiċi tagħhom: a) 2011.06.23, Belush Zmitser, 20 unità bażi ta' kuljum (700 000 BLR); b) 2010.12.20, Zhawnyak Ihar, 30 unità bażi ta' kuljum (1 050 000 BLR); c) 2010.12.20, Nyestser Aleh, 10 ijiem ħabs; d) 2010.12.20, Trybushewski Kiryl, 10 ijiem ħabs; e) 2010.12.20, Murashkevich Vyachaslaw, 10 ijiem ħabs. Ripetument impona sentenzi ta' ħabs u multi kbar kontra dawk involuti f'dimostrazzjonijiet paċifiċi u, b'riżultat ta' dan, kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fil-Bjelorusja.
▼ <u>M24</u>					
▼ <u>M23</u>	20. Bazanau, Aliaksandr Viktaravich  Bazanov, Aleksandr Viktorovich	БАЗАНАЎ, Аляксандр Віктаравіч	БАЗАНОВ, Александр Викторович	Data tat-twelid: 26.11.1962, Każakistan  Indirizz: 220004, Беларусь, Минск, пр-т Победителей, 7 Информационно-аналитический центр	Viċi Direttur ġenerali ta' Beltelecom inkarigat mir-relazzjonijiet esterni u r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-Istat. Eks Direttur taċ-Ċentru tal-Informazzjoni u l-Analiżi tal-Amministrazzjoni tal-President li jaġixxi bħala wieħed mill-għejun prinċipali tal-propaganda tal-istat, li jappoġġa u jiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili.



▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
--	-------------------------------------------------------------------------------------------------------	----------------------------------------	---------------------------------	---------------------------------------	-------------------------

▼ M21

--	--	--	--	--	--

▼ M26

22.	Bileichyk, Aliaksandr Uladzimiravich Bileichik, Aleksandr Vladimirovich (Bileychik, Aleksandr Vladimirovich)	БІЛЕЙЧЫК, Аляксандр Уладзіміравіч	БИЛЕЙЧИК, Александр Владимирович	Data tat-twelid: 1964	Kien l-ewwel Viċi Ministru tal-Ġustizzja (sa Diċembru 2014), inkarigat mis-servizzi ġudizzjarji, l-istatus ċivili u s-servizzi notarili. Il-funzjonijiet tiegħu jinkludu s-superviżjoni u l-kontroll tal-Avukatura. Kellu rwol prinċipali fit-tneħħija mill-professjoni kważi sistematika tal-avukati li ddefendew prigionieri politiċi.
-----	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	-----------------------------------------	----------------------------------------	-----------------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

▼ M19

23.	Bortnik, Siarhei Aliaksandro- vich (Bortnik, Siarhey Aliak- sandrovich) Bortnik, Sergei Aleksandrovich (Bortnik, Sergey Alek- sandro- vich)	Бортнік, Сяргей Аляксандравіч	БОРТНИК, Сергей Александрович	Data tat-twelid: 28.5.1953  PjT: Minsk  Indirizz: Ul. Surganova 80-263, Minsk  Numru tal-passaport: MP0469554	Prosekutur Pubbliku.  Fl-2006, ittratta l-każ tal-ex-kandidat presidenzjali Alyaksandr Kazulin li kien akkużat li f'Marzu 2006 organizza protesti kontra l-elezzjonijiet frodulent. L-akkuża ppreżentata minnu kienet motivata politikament u kienet tinkludi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. F'April 2012, qabel ukoll mal-impożizzjoni ta' superviżjoni preventiva tal-pulizija għal sentejn fuq l-attivista politiku prominenti Pavel Vinogradau.
24.	Brysina, Zhanna Leani- dauna  Brysina, Zhanna Leonidovna	БРЫСІНА, Жанна Леанідаўна	Брысина, Жанна Леонидовна	Indirizz: Суд Заводско- го района г. Минска 220107, г. Минск, пр. Партизанский, 75А	Viċi President tal-Qorti Distrettwali Zavodskoi ta' Minsk, ex-imħallef tal-Qorti Distrettwali Zavodskoi ta' Minsk. Hija trattat il-kawża ta' Khalipirina, Martssev Sergei, Severinets Pavel, rappreżentanti eċċellenti tas-soċjetà ċivili. Il-mod kif

▼ **M19**

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
					mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.

▼ **M26**

25.	Bulash, Ala Biukbalauna  Bulash, Alla Biukbalovna	БУЛАШ, Ала Бюкбалаўна	БУЛАШ, Алла Бюкбаловна		Eks Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Kastrichnitski ta' Minsk responsabbli għall-materji kriminali u eks imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Oktiabrski (Kastrichnitski) ta' Minsk. Hija trattat il-kawża ta' Pavel Vinogradov, Dmitri Drozd, Ales Kirkevich, Andrei Protasenia u Vladimir Homichenko. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien jikkostitwixxi ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' testimonjanzi irrilevanti għall-akkużati.
-----	---------------------------------------------------------------	--------------------------	---------------------------	--	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

▼ **M19**

26.	Bushchik, Vasil Vasilievich  Bushchik, Vasili Vasilievich	БУШЧЫК, Васіль Васільевіч	Бущик, Василий Васильевич	Data tat-twelid: 26.2.1952  PfT: Vershok, distrett ta' Baranovichy, reġjun ta' Brest  Indirizz: Беларуский государственный педагогический университет 220050, Беларусь г. Минск, ул. Советская, 18	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC). Bħala Membru tas-CEC, huwa kien responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010 u fl-elezzjonijiet Presidenzjali ta' Settembru 2012.
-----	--------------------------------------------------------------------------	------------------------------	------------------------------	-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

▼ **M21**

—					
---	--	--	--	--	--

▼ **M26**

28.	Busko, Ihar Iauhenavich (Busko, Ihar Yauhenavich Busko, Igor Evgenievich (Busko, Igor Yevgenyevich)	Бусько, Ігар Яўгенавіч	Бусько, Игорь Евгеньевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Viċi Kap tal-KGB, eks Kap tal-KGB tar-Reġjun ta' Brest. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Brest u fil-Bjelorussja.
-----	--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------	---------------------------	-----------------------------	---------------------------------------------------------------------	-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## ▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar
29.	Bychko, Aliaksei Viktarovich  Bychko, Aleksei Viktorovich  (Bychko, Alexey Viktorovich)	БЫЧКО, Аляксей Віктаравіч	БЫЧКО, Алексей Викторович	Indirizz: Минский городской суд 220092, г. Минск, ул. Дунина-Марцинкевича, 1	Imhalled fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk, ex-imhalled fil-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Minsk. Fis-26 ta' Ottubru 2011, huwa kkundanna lill-attivista tas-soċjetà ċivili Siarhei Kazakou għal 10 ijiem ħabs. Il-mod kif mexxa l-proċessi kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Aċċetta l-użu ta' evidenza u xhieda li ma kellhiex rilevanza għall-akkużat.
30.	Charhinets, Mikalai Ivanovich  Cherginets, Nikolai Ivanovich	Чаргінец, Мікалай Іванавіч	ЧЕРГИНЕЦ, Николай Иванович	Data tat-twelid: 17.10.1937  PтТ: Minsk  ID: 3171037A004PB4 Indirizz: Общественное объединение "Союз писателей Беларуси" 220034, г. Минск, ул. Фрунзе, 5	Kap tal-Għaqda tal-Kittieba li hija favur ir-reġim u President tal-Kunsill Pubbliku Repubblikan għall-Moralità (li jjeħu sehem fl-attivitàjiet ta' ċensura mir-reġim) u ex-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Superjuri. Sostenitur mill-qrib tal-President Lukashenka, u figura ċentrali fil-propaganda u ċ-ċensura tar-reġim.
▼ M26	31. Charkas, Tatsiana Stanislavauna  (Cherkas, Tatsiana Stanislavauna)  Cherkas, Tatiana Stanislavovna	Чаркас, (ЧЭРКАС) Таццяна Станіславаўна	Черкас, Татьяна Станиславовна	Indirizz: Суд Партизанского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	President tal-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk, eks Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Frunzenski ta' Minsk, eks imhalled tal-Qorti Distrettwali ta' Frunzenski ta' Minsk, li qed tittratta l-kawżi tad-dimostranti Aleksandr Otroshchenkov (ikkundannat għal 4 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti), Aleksandr Molchanov (3 snin) u Dmitri Novik (3,5 snin priġunerija taħt kondizzjonijiet ristretti). Responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali politament motivati kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
--	-------------------------------------------------------------------------------------------------------	----------------------------------------	---------------------------------	---------------------------------------	-------------------------

▼ M24

--	--	--	--	--	--

▼ M22

33.	Charnyshou, Aleh Anatolie- vich  Chernyshev, Oleg Anatolievich	ЧАРНЫШОЎ, Олег Анатольевич	ЧЕРНЫШЕВ, Олег Анатольевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Viċi Kap tal-KGB, inka- rigat mill-intelligence estera, minn April 2014. Kurunell, kien respon- sabbli mill-unità ta' kontra t-terroriżmu tal-KGB, l- unità "Alpha". Huwa ppar- teċipa personalment fit- trattament inuman u degra- danti ta' attivisti tal-oppo- żizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara t-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjoni- jiet tiegħu kienu jikkostit- wixxu ksur dirett tal- impenji internazzjonali tal-Bjelorusja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
35.	Chatviartkova, Natalia Alexeevna  Chetvertkova, Natalia Alexeevna (Chetvertkova, Natalya Alexeevna)	ЧАТВЯРТКОВА, Наталья Алексееўна	ЧЕТВЕРТКОВА, Наталья Алексеевна		Kienet Viċi President u mħallef tal-Qorti Distrett- wali ta' Partizanski ta' Minsk (sat-18.6.2012). Hija trattat il-proċess tal- eks-kandidat presidenzjali Andrei Sannikov, attivista tas-soċjetà ċivili Ilia Vasi- levich, Fedor Mirzoianov, Oleg Gnedchik u Vladimir Yeriomenok. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal- Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' xhieda irrilevanti għall-akkużati.

## ▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
36.	Chubkavets Kiryl Chubko- vets Kirill	Чубкавец, Кірыл	Чубковец, Кирилл		<p>Prosekutur pubbliku tal-kawża kontra l-ex-kandidati presidenzjali Nikolai Statkevich u Dmitri Uss, kif ukoll l-attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili Andrei Pozniak, Aleksandr Klas-kovski, Aleksandr Kvetke-vich, Artiom Gribkov u Dmitri Bulanov. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminenti u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, mhux sostnuta b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.</p> <p>Bħala prosekutur tal-Istat huwa oppona l-appell ta' Ales Byalyatski rigward is-sentenza imposta fuq mill-Qorti Distrettwali Pervomaiski ta' Minsk minkejja li l-proċess ta' Byalyatski tmexxa b'mod li kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.</p> <p>Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' għaj-nuna lil dawk li sofrew minn repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.</p>

## ▼ M19

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelo- rusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar
37.	Chyzh, Iury Aliaksandra- vich (Chyzh, Yury Aliaksan- dravich) Chizh, Iuri Aleksan- drovich (Chizh, Yuri Alek- sandro- vich)	ЧЫЖ, Юрый Аляксандравіч	ЧИЖ, Юрий Александрович	PfT: Soboli, Biere- zovsky Rajon, Brest- kaja Oblast (Соболи, Березовский район, Брестская область)  Data tat-twelid: 28.3.1963  Nru tal-passaport: SP 0008543 (validità attwali dubjuża).	Iury Chyzh huwa assoċjat mal-President Lukashenko u wliedu u jibbenefika minn u jappoġġa r-reġim ta' Lukashenko, speċjalment permezz tal-kumpannija holding tiegħu LLC Triple. L-attivitajiet tal-LLC Triple jinkludu attivitajiet li jirriżultaw minn għotjiet u konċessjonijiet pubbliċi mir-reġim. F'Ġunju 2013 inġhata mill-President Lukashenko l-ogħla distinzjoni tal-istat għas-servizzi tiegħu. Il-pożizzjonijiet li huwa għandu fil-qasam sportiv, speċjalment is-sħubija tiegħu fil-Kunsill Ċentrali tal-klabb tal-Isports tal-President u bħala President tal-Bord tal-klabb tal-futbol FC Dynamo Minsk u President tal-Federazzjoni Bjelorusa tal-lotta, jikkonfermaw l-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim.
